

- 2) L-Artikoli 185 u 186 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux, f'ċirkustanzi bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, leġislazzjoni jew prattika nazzjonali li għandhom l-effett li jissuġġettaw l-aġġustament tat-taxxa fuq il-valur miżjud marbuta mal-ħlas akkont fil-kuntest tal-kunsinna ta' oġġett għar-rimbors ta' dan il-ħlas akkont mill-fornitur.

(¹) ĠU C 86, 20.3.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-31 ta' Mejju 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Madrid – Spanja) – Lu Zheng vs Ministerio de Economía y Competitividad

(Kawża C-190/17) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kontrolli ta' flus kontanti deħlin jew ħerġin mill-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 1889/2005 — Kamp ta' applikazzjoni — Artikolu 63 TFUE — Moviment liberu tal-kapital — Ċittadin ta' pajjiż terz li jgħorr somma kbira mhux iddikjarata ta' flus kontanti fil-bagalji tiegħu — Obbligu ta' dikjarazzjoni marbuta mal-ħruġ ta' din is-somma mit-territorju Spanjol — Sanzjonijiet — Proporzjonalità)

(2018/C 259/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Madrid

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lu Zheng

Konvenut: Ministerio de Economía y Competitividad

Dispożittiv

L-Artikoli 63 u 65 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġislazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' dikjarazzjoni ta' somom kbar ta' flus kontanti deħlin fi jew ħerġin mit-territorju ta' dan l-Istat ikun suġġetti għal multa li tista' tasal sad-doppju tal-ammont mhux iddikjarat.

(¹) ĠU C 221, 10.7.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-31 ta' Mejju 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-251/17) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ġbir u trattament tal-ilma urban mormi — Direttiva 91/271/KEE — Artikoli 3, 4 u 10 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' eżekuzzjoni — Artikolu 260(2) TFUE — Sanzjonijiet pekunjarji — Pagamenti ta' penalità u somma f'daqqa)

(2018/C 259/15)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Manhaeve u L. Cimaglia, aġenti)